*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 70– 3 ta' Ottubru 2023**

***Minuti tas-sebgħin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret fit-3 t'Ottubru 2023 fis-6pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sitta ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 70. Il-laqgħa bdiet fis-6pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Mark Camilleri** | Sindku |
| | **Clive Azzopardi** | Viċi-Sindku |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Anthony Borg** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |


***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**Il-Kunsill ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġija.**

**70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

**Il-Kunsilliera David Battistino, Kevin Glynn u George Cortis ipproponew li l-minuti jkunu diskussi f'laqgħa sussegwenti minħabba li ma kienx hemm ħin biżżejjed biex dawn jinqraw. Għaldaqstant kien maqbul li jkunu mressqa għall-vot f'laqgħat li jmiss.**

**70.3 Ħlasijiet ta' bankini**

**Il-Kunsillier David Battistino qal li l-Kunsill ma jistax jivvota fuq il-ħlasijiet tal-bankini għax il-liġi ma tagħtix li tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill għal ħlasijiet ta' direct orders 'il fuq min Eur5,000. Iċ-ċertifikazzjoni mill-Perit ntalbet sabiex titressaq id-dokumentazzjoni quddiem id-Direttur Ġenerali. Il-Kunsillier David Battistino kompla jgħid li l-prezz miftiehem ma ġiex għall-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma bdew ix-**



***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**xogħlijiet. Il-Kunsillier George Cortis qal li ċertifikazzjoni bil-qisien m'hemmx ta' kollox għaliex il-materjal maqlugħ mhuwiex ikkwantifikat. Il-Perit spjega li fejn ikun hemm *demolition and disposal* ma jkunx hemm kejl. Huwa kompla jghid li kemm il-kwalita kif ukoll il-prezzijiet kienu certifikati korretti.**

**Is-Sindku Mark Camilleri qal li d-dokumentazzjoni kollha ntbagħtet lid-DLG flimkien ma spjegazzjoni tax-xogħlijiet b'urġenza li saru u li t-tweġiba li ngħatajna tgħid li il-każ li xogħolijiet li saru minħabba urġenza, Artiklu 32(3) u 32(4) tal-Att dwar Gvern Lokali jista' jiggwidaw lill-Kunsill. Is-Sindku qal li dawn ix-xoghlijiet kien mehtieg li jsiru ghaliex kien mehtieg li l-perikli jitnaqqsu anke fi-dawl tal-att li kien hemm min korra pero qatt ma ttiehdet azzjoni legali fil-konfront tal-Kunsill. Barra minn hekk, sabiex tintbaghat offerta mill-kuntratturi kienet qed tkun difficli ghaliex dawn jikkoncentraw fuq xoghlijiet ta' valuri ferm akbar u li biex issib lil xi hadd jaghmel xoghlijiet zghar kwazi sar impossibli.**

**Il-Kunsillier David Battistino talab li jinqraw dawn l-artikli u li tintbaghat it-tweġiba tad-Dipartiment. Is-Sindku Mark Camilleri qal li din l-informazzjoni tista tintbgħat pero xorta waħda huwa kien ser iressaq l-ammonti pagabbli ta' Eur30,674.60 lil Saviour Grixti għall-approvazzjoni f'din il-laqgħa.**

**Għaldaqstant ittieħed vot. Is-Sindku Mark Camilleri, u l-Kunsilliera Anthony Borg, Clive Azzopardi u Steve Zammit Lupi ivvuttaw favur li Saviour Grixti jitħallas l-ammont ta' Eur30,674.60. Il-Kunsilliera George Cortis, David Battistino, Kevin Glynn u Patrick Bonnici ivvutaw kontra filwaqt li ma kien hemm l-ebda astensjoni.**

**Minħabba parita, kellu jintuża l-casting vote tas-Sindku u għalhekk dan il-pagament ġie approvat. Is-Sindku Mark Camilleri qal li mhux sew li dan il-kuntrattur jibqa mingħajr ħlas.**

**Il-Kunsillier David Battistino qal li huwa ivvota kontra għaliex l-ammont jeċċedi Eur5,000. Huwa qal li l-intenzjoni tiegħu kienet li jimxi korettemnent mal-liġi.**

## 70.4 Vakanza ta' Skrivan

**Is-Sindku Mark Camilleri qal li kien hemm żewg applikazzjonijiet għall-vakanza ta' skrivan, fejn it-tnejn huma validi u jekk dejjem huma jaċċettaw għandu jintalab permess mingħand id-Dipartiment anke għat-tieni impjegat. Kien hemm qbil unanimu.**

## 70.5 Tenders

**Is-Sindku Mark Camilleri qal li qed jiġi mħejji t-tender tal-knis, tender għal tiswija ta' bankini u patching, kif ukoll tender għas-servizz ta' accountant.**

## 70.6 Zona Madwar Salib tal-Pjazza

**Is-Sindku Mark Camilleri qal li jixtieq isebbaħ iz-zona ta' madwar is-salib tal-pjazza billi jitneħħa xi madum u floku ssir ħamrija. Il-Kunsill qabel ma' din id-deċiżjoni u għaldaqstant kellu jkun mitkellem il-Perit sabiex issir l-applikazzjoni tad-DNO.**

***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*

**70.7 Dog Park**

**Is-Sindku Mark Camilleri qal li fiz-zona ta' Wied is-Sewda hemm soft area li tista faċilment tkun konvertita f' dog park bl-aċċessorji neċċessarji. Waqt il-World Clean Up Day ġie mnaddaf ħafna ħaxix ħażin u ħmieġ ta' madwar 20 sena.**

**70.8 Alfred Mizzi Foundation Sponsorship għall-proġetti ambjentali**

**Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi informa lill-Kunsill li sab sponsor li lest li jiffinanzja xkejjer tal-ilma li jaħdmu bid-drip għas-siġar ta' Vjal il-Ħelsien, kif ukoll tags tas-siġar. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li tkun ideja tajba jekk fir-ring road ta' Ħaż-Żebbuġ jitħawlu siġar sabiex ikompli jissebbaħ l-ambjent.**

**70.9 IM/Għarram Landscaping/ Wied Baqqiegħa**

**Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li saru xogħlijiet fiz-zona t' Għarram minn IM pero hemm traffic island partikolari seta sar xogħol ta' manutenzjoni. Għal dan inġibdet l-attenzjoni tas-CEO tal-IM.**
**Is-Sindku Mark Camilleri semma t-tindif tal-culvert fi Triq Dun Luret Cutajar.**

**Dwar Wied Baqqiegha, il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li meta sar ir-resurfacing bil-konkoz, twitta parti mill-qiegħ tal-wied u dan għandu jitneħħa.**

**70.10 Żerniq Bir-Rota**

**Dwar Żerniq bir-Rota li jsir kull l-ewwel Ħadd tax-xahar, is-Sindku nforma lill-kunsill, li l-Kunsillier Steve Zammit Lupi kien ħa ħsieb li għad-darba li jmiss ser ikun involut Fabio Spiteri bil-Canicross.**

**70.11 Vot tal-Flus**

**F'din il-laqgħa il-vot tal-flus ma kienx diskuss minħabba li ma kienx inqara minn kulhadd.**

**70.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss**

**Il-laqgħa spiċċat fit-8:30pm u kienet aġġornata sine die.**

| | |
|---|---|
| **Mark Camilleri** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*